MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Numru. 514/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat omissis gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

a) Fit-23 ta’ Gunju 2001 fil-fond numru omissis bi vjolenza ikkommetta stupru fuq omissis,  minuri.

b) Fl-istess jum, lok; hin u cirkostanzi b’ eghmil zieni ikkorrompa lill-imsemmija minuri omissis ;

c) Fl-istess data, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

d) Fil-perjodu tas-sena 2002, omissis, b’ eghmil zieni ikkorrompa lill-minuri omissis;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 26 ta’ Frar 2003 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 198, 203, 86 u 87(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-6 ta’ April 2004 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat li permezz ta’ digriet tas-27 ta’ Gunju 2002 din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat id-divjiet tal-publikazzjoni fuq kull mezz ta’ komunikazzjoni ta’ isem u kunjom u kull partikolarita’ ohra kemm tal-akkuzat kif ukoll taz-zewg minuri nvoluti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegat stupru vjolenti, korruzzjoni u arrest illegali tal-minorenni omissis u korruzzjoni tal-minorenni omissis. Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-19 ta’ April 2002 ic-Child

Protection Services Unit tal-agenzija Appogg irceviet telefonata mill-iskola omissis minghand certu omissis li kienet guidance teacher fl-imsemmija skola fejn gie rrapurtat li waqt lezzjoni tal-PSD studenta ta' omissis kienet allegat li kienet giet abbuzata sesswalment minn xi hadd. Kien ghalhekk li zewg impjegati tac-Child Protection Unit Sarah Soler u Malcolm Tortell marru l-iskola fejn l-ewwel kellmu lil ghalliema tal-PSD u sussegwentement lil guidance teacher u mbaghad lil minuri nnifisha. Skond ix-xhieda ta' Sarah Soler (ara deposizzjoni relattiva a fol. 11 sa 18 tal-process) meta marru jkellmu t-tifla hija bdiet tirtghod, kellha biza' kbira fuqha u bdiet tghidilhom li xi hadd kien messha fil-parti privata taghha u kien weggaghha u hija ma ridithomx jghidu lil ommha sabiex ma jinkwetawhiex. Hija indikat lill-imputat omissis li kien jghix fid-dar ta' missier il-minuri omissis bhala l-persuna li kien ghamel dawn l-affarijiet. Mill-provi rrizulta li l-imputat kien ghamel zmien jghix fid-dar ta' omissis, missier omissis, li kien iz-ziju tieghu. Omm u missier omissis kienu separati u omissis u ohtha omissis kienu jmorru ghand missierhom fil-weekend. Il-minuri omissis ittiehdet sabiex tigi ezaminata minn Dr. Mariella Mangion li hija pedjatra mqabbda mill-Agenzija Appogg (ara xhieda relattiva a fol. 32 sa 35 tal-process) fejn it-tifla bdiet tikteb l-affarijiet sabiex tispjegalha x'kien gara. Skond Sarah Soler u Dr. Mangion intuzat it-teknika tal-kitba ghaliex it-tifla kienet imbezza hafna. It-tifla qalet lil dawn iz-zewg xhieda li l-imputat kien pogga l-parti genitali tieghu fil-parti genitali taghha u weggaghha u kien hargilha ftit demm. Irrizulta wkoll li l-imputat kien allegatament ittanta lil kugina ta' omissis, omissis, meta huwa kien qed jghix ma' oht omissis, omissis. L-Agenzija Appogg kienet ikkomunikat mal-genituri tal-minuri nvoluti u mal-Pulizija u wara li saru l-investigazzjonijiet necessarji nbdew il-proceduri odjerni fil-konfronti tal-imputat.

Omissis xehdet f'dawn il-proceduri fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2002 fejn hija rrakkontat dwar incident li sehh meta kienet fid-dar ta' missierha li tinsab omissis fejn dakinhar kien hemm ohtha, hi u l-imputat li identifikatu fl-Awla. Hija tghid li kienet qed tara t-television fil-kamra tas-sodda ta' missierha u ommha, kien tela' l-imputat hdejha u mar fuq

is-sodda u qalilha *'jekk naghmillek xi haga tghidilha lil mummy?'* u hija kienet irrisponditu 'iva'. It-tifla kompliet tghid li l-imputat kien hatafha, nehhielha l-hwejjeg kollha li kienet liebsa, nehha hwejgu, pogga fuqha u dahhal il-parti tieghu fil-parti taghha u hija weggghat. It-tifla tispjega li l-imputat beda joqmos fuqha u dam ghaddej hekk ghal madwar ghaxar minuti. Hija tghid ukoll li meta kien fuqha hi ma pruvatx twaqqfu u l-anqas pruvat tahrab izda mhux ghax ma riditx tahrab izda ghaliex ma setghatx peress li idejha kienu wara darha u kienu qed jinzammu mill-imputat.  Il-minuri gharfet tpingija (esebita a fol. 24) li kienet ghamlet hija stess tal-parti genitali tal-imputat meta tkellmet mal-Ispettur Louise Vella.  It-tifla spjegat li meta l-imputat nizel minn fuqha huwa kien qallilha sabiex ma tghid lil hadd dwar dak li kien gara u kien heddidha li jekk tghid lil xi hadd 'jaghmlilha baby'.Hija tghid li meta qalilha hekk bezghat u allura ma qalet xejn lil ommha izda kienet qalet lill kugina taghha omissis dwar dak li kien gara. Omissis qalet ukoll kif waqt lezzjoni tal-PSD fejn l-ghalliema kienet tinkoraggihom jitkellmu dwar il-problemi taghhom hija kienet qalet lill-ghalliema dwar dak li kien gralha imbaghad din tal-ahhar qalet lil guidance teacher u mbaghad it-tifla spjegat kif kienu kellmuha Malcolm Trotell, Sarah Soler u li mbaghad kienet irrakkuntat l-istorja lill-Ispettur Louise Vella. Omissis spjegat li kien hemm incident iehor fejn l-imputat kien ipprova imissha meta huma kienu fil-karozza sejrin ghand ommha izda tghid li hija kien irnexxielha twaqqfu. Hija tirrakkonta wkoll li kien hemm okkazzjoni ohra fejn l-imputat qalilha li dik il-lejla hija kellha tmur hdejh fil-kamra tieghu izda meta hija rrispondietu x'qed tahsibni huwa ma qal xejn aktar.

Omissis li wkoll xehdet fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2002 qalet li fis-sena 2002 waqt li kienet ghand ohtha flimkien mal-istess ohtha, ulied ohtha l-imputat kien ittantaha. Hija tghid li mhux l-ewwel darba li l-imputat qalilha kliem bhal *'sidrek kemm ghad jikbirlek'*, kien jaqbdilha l-warrani u kien jghidilha li tista' tbiddel quddiemu. Hija qalet li kienet tghid lill-imputat sabiex ma joqghodx jaqbad maghha u kienet qalet lil ommha dwar dak li kien jghidilha l-imputat u meta ommha qaltlu sabiex ma joqghodx jaqbad mat-tifla huwa kien irrisponda li kien ikun qed jiccajta.  Hija qalet li

ohtha kienet tkun prezenti meta kienu jsiru dawn l-affarijiet izda ma kienet tghidlu xejn lill-imputat ghaliex kienet tahsbu qed jiccajta. Hija rrakuntat li kien hemm okkazzjoni fejn l-imputat kien gidmilha l-warrani u kien weggaghha. Hija spjegat li l-imputat qatt ma heddiha sabiex ma tghid lil hadd dwar dak li kien jghidilha u qalet li l-films li kienu jkunu qed jaraw fuq it-television kienu films normali u mhux pastazi. Omissis spjegat li l-kugina taghha omissis kienet qaltilha li kien hemm okkazzjoni fejn l-imputat kien dahhal il-parti tieghu fil-parti taghha u kienet qaltilha wkoll li darba omissis kienet omissis u l-imputat kien qalilha li kien ghamlilha (lil omissis) kif kien ghamel lil omissis izda omissis spjegat li hija kienet cahdet li l-imputat kien ghamlilha dak li kien ghamel lil omissis. Din ix-xhud tghid li hija qatt ma semghat lill-imputat jghid xi diskors lil omissis jew imissha quddiemha.

Dr. Mariella Mangion li xehdet fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2002 spjegat li kienet rat lil omissis flimkien ma Sarah Soler u meta kelmitha lit-tifla kienet anzjuza u nervuza hafna izda bil-moghod il-moghod bdiet tghidilhom l-istorja taghha. Hija spjegat li kienu ghaddew xhur minn meta sehh l-incident sa meta it-tifla kienet tkellmet dwar dak li kien gralha l-iskola u qalet li meta kellmet lil omm it-tifla din qaltilha li kienet ilha tinnota li t-tifla kienet nervuza, kien ikollha ugiegh f’darha u f’zaqqha u hija haditha ghand hafna tobba izda wara li dawn kienu jezaminaw lit-tifla kienu jghidulha li m’ghandha xejn. Dr. Mariella Mangion xehdet li fis-16 ta’ Mejju 2002 kien sar ezami mediku ta’ omissis liema ezami kien sar minnha u mill-ginekologa Dr. Carmen Portelli. Hija qalet li ma gewx riskontrati sinjali ta’ penetrezzjoni izda kien hemm *notch (a small tear)* fil-parti ta’ quddiem tal-*hymen* u dan il-fatt geghlhom jikkonkludu li kien hemm degree zghir ta’ trauma fil-hymen. Hija qalet li din in-notch li kien hemm fil-hymen kienet irregolari ghaliex kien hemm increased vascularity, haga li ma tigix riskontrata f’normal variant. Hija spjegat li normal variant hija komuni fit-tfal. Izda spjegat li din l-increased vascularity li kien hemm fin-notch riskontrata fil-hymen tal-minuri kien jindika li kien hemm minor trauma fil-hymen. Hija qalet ukoll li kienu ttiehdu swabs sabiex jigi verifikat jekk il-minuri kellhiex xi sexually transmitted diseases u

wiehed minn dawn it-testijiet kien provizorjament irrizulta posittiv izda sussegwentement intbghatu l-iswabs barra minn Malta u r-rizultat gie lura negative.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 101 sa 103) tal-process fis-26 ta' Gunju 2002 fejn huwa innega li kien abbuza minn omissis.  Huwa ikkonferma li huwa kien ghamel zmien l-ewwel jghix ma omissis, il-kugin ta' omissis, imbaghad kien iggieled ma omissis u mar jghix ma zijuh omissis, missier omissis. Huwa qal li qatt ma kellu nkwiet mal-genituri ta' omissis u meta gie mistoqsi x'kienet ir-raguni li omissis kienet qed taghmel allegazzjonijiet dwaru huwa qal li forsi minhabba l-fatt li huwa kien iggieled ma omissis. Huwa innega wkoll li kien abbuza sesswalment minn omissis u li kien jghidilha kliem dwar persunitha izda ikkonferma li ommha kienet kelmitu sabiex ma jghaddix kummenti lit-tifla u huwa kien irrisponda li ma kien qal xejn lit-tifla. Huwa qal li madwar erba snin qabel kien qabad u gidem il-warrani ta' omissis izda dan kien fil-prezenza ta' ommha.

L-imputat ghazel illi jixhed f'dawn il-proceduri (ara deposizzjoni relativa a fol. 117 u 118 tal-process) fejn huwa ikkonferma li kien ghamel xi zmien jghix ma zijuh omissis fejn fid-dar kien hemm jghixu mart omissis, omissis, u z-zewg uliedhom. Huwa qal li kellu problemi rigwardanti flus ma zijuh u ghalhekk ma baqax jghix mieghu u mar jghix ma' omissis. Huwa kellu xi jghid ma' omissis u rega' mar jghix ma zijuh.Il-Qorti tixtieq tirrileva li l-imputat ghazel li jixhed fil-qosor u waqaf jixhed ghaliex ma kellux aktar xi jghid u mhux ghaliex indika li kien ma jiflahx kif jinghad fin-nota tas-sottomissjonijiet finali tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta' l-minuri omissis jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li l-imputat stupra lil imsemmija minuri. Il-Qorti m'ghandha ebda dubju dwar il-kredibilita' ta' din ix-xhud anki ghaliex ma gewx riskontri inkonsistenzi bejn dak li xehdet quddiem il-Qorti viva voce u dak li qalu li qaltilhom is-social worker Sarah

Soler u l-pedjatra Dr. Mariella Mangion. Id-Difiza ssostni fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha li l-minuri uzat l-istess kliem meta xehdet quddiem il-Qorti u meta spjegat dak lli kien gara lis-social worker u lil Dr. Mariella Mangion u lill-Ispettur Louise Vella.  Il-Qorti tixtieq tirrileva f’dan ir-rigward li kemm Sarah Soler kif ukoll Dr. Mangion it-tnejn qalu li omissis kienet nervuza hafna u mbezza meta qaltilhom l-istorja dar dak li kien gralha u li huma kellhom juzaw it-teknika tal-kitba sabiex jghinuha tirrakkonta dak lli kien gralha. Tifla li  trid tivvinta storja certament ma tkunx daqshekk nervuza u mbezza u jkun aktar facli li tirrakkonta l-istorja li tkun ghazlet li tivvinta. Irid jinghad inoltre li c-cirkostanzi li fihom it-tifla irrakkontat dak li kien gralha jirrendu l-istorja taghha aktar u aktar kredibbli fis-sens li hija qalet dak li kien gralha waqt lezzjoni tal-PSD fejn kienu qed jigu diskussi affarijiet relatati mas-sess u fejn l-ghalliema inkoraggiet lit-tfal jitkellmu dwar il-problemi taghhom. Hija x-xhieda tal-imputat li m’hijex kredibbli ghaliex il-Qorti riskontrat inkonsistenzi f’dak li qal. Fil-fatt fl-istqarrija huwa qal li ma kellux problemi ma’ missier it-tifla izda meta xehed quddiem din il-Qorti qal li kien telaq mid-dar ta’ omissis ghaliex kellu problemi ta’ flus mieghu. Irid jigi rilevat li s-social worker Sarah Soler xehdet li l-imputat kien ghadu qed jghix fid-dar ta’ missier il-minuri meta dahlilhom ir-rapport ta’ l-allegat abbuz u li huwa telaq minn hemm wara li sar ir-rapport relattiv mal-Pulizija.

Kif intqal aktar ‘l fuq l-ezami ginekologiku li sar fuq il-minorenni kien jindika li ma kienx hemm penetrazzjoni totali fis-sens li l-hymen kien ghadu intatt izda kien hemm indikazzjoni li l-hymen fuq in-naha ta’ barra kien ghadda minn trauma u dan jindika li seta’ kien hemm xi bidu ta’ penetrazzjoni. Il-minuri inoltre qalet li hasset ugiegh u hargilha ftit demm meta l-imputat dahhal il-parti tieghu fil-parti taghha.

Il-Qrati taghna dejjem irritenew li sabiex ikun hemm stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha u l-icken bidu ta’ konnessjoni karnali hija sufficjenti sabiex jissussisti r-reat ta’ stupru (ara fir-rigward sentenza tal-Qorti tal-Apell Kriminali sede inferjuri tal-4 ta’ Settembru 2003 (appell numru 51/2003). Ghalkemm Dr. Mariella

Mangion ma sabitx sinjali ta' penetrazzjoni, sabet sinjali ta' tbaghbis u dan jikkorobora il-verzjoni tal-minuri li l-appellant kien pogga il-parti genitali tieghu mal-parti genitali taghha u ezercita pressjoni b'tali mod li weggaghha.

Il-Qorti jidrilha ghalhekk li r-reat ta' stupru vjolenti jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u l-imputat qed jinstab hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab akkuzat bil-korruzjoni tal-minorenni omissis u cioe' bir-reat kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kap. 9. Kif intqal aktar 'il fuq irrizulta li l-imputat stupra lil minuri f'okkazzjoni wahda izda kien hemm zewg okkazzjonijiet ohra fejn huwa prova jghidilha sabiex tmur fil-kamra tieghu sabiex jaghmlu l-istess haga izda hija ma marritx u anki okkazzjoni ohra fejn huwa missilha kuxtejha izda hija waqfitu. Dan ir-reat ghalhekk jista' wkoll jinghad li jirrizulta pruvat.

Permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 87(g). L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jiddisponi li:

*' Kull min, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha, jew jaghti il-post biex fih din il-persuna tigi arresta, mizmuma, jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn :*

*Izda,l-Qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tlett xhur jew il-multa.'*

L-elementi ta' dan ir-reat huma tnejn, li min jeffetwa l-arrest ma jkollux ordni skond il-Ligi ta' awtorita' kompetenti u li jkun hemm sekwestru li jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-elementi tas-sekwestru jinkludi it-tehid jew trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi metodi li jnehhu dritt ta'

persuna ghal moviment liberu taghha u l-kelma sekwestru fl-Artikolu 85 ghandha tinftiehem fil-kuntest li jkun hemm sekwestru meta bniedem jigi privat mid-dritt tal-moviment liberu. F’dan ir-rigward **Maino** fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa identiku ghall-Artikolu 86 misjub fil-Kap. 9 taghna a fol. 112 para’ 78 Vol. 11 billi jghid is-segwenti:-

“Il sequestro richiede che la privazione della liberta’ sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita’ di scampo o di soccorso”.

Fil-kaz odjern il-minuri qalet li hija riedet tahrab izda ma setghatx ghaliex l-imputat kien qed izommilha idejha wara darha. Huwa minnu li l-imputat ma ezercitax forza fizika sabiex ha lil minuri fil-kamra fejn sar l-istupru ghaliex hija diga kienet f’dik il-kamra izda huwa ezercita forza fizika sabiex hija ma titlaqx minn hemm billi zammilha idejha wara darha u ma hallihiex ticcaqlaq. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li dan ir-reat huwa wkoll pruvat bl-aggravju tieghu kif kontemplat f ‘87(g) ghaliex l-imputat zamm lil vittma sabiex igieghel lill-istess vittma taghmel atti li joffendu l-misthija tas-sess taghha kontra l-volonta’ taghha.

Permezz tar-raba’ akkuza l-imputat jinsab ukoll akkuzat li kkorompa lil minuri omissis. Il-Qorti fliet bir-reqqa ix-xhieda ta’ din il-minuri u ghandha dubji dwar kemm il-kredibilta’ ta’ din ix-xhud kif ukoll dwar il-fatt jekk minn dak li qalet jistax jinghad li jikkonkorru l-elementi tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minuri kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kap. 9. Din il-minuri fil-fatt ma ndikatx perjodu specifiku meta sehhu l-allegati atti li kkorompewha. Inoltre hija tghid li dawn l-affarijiet dejjem sehhu fil-prezenza ta’ ohtha omissis u tat-tfal ta’ din tal-ahhar u tghid ukoll li ohtha qatt ma qalet xejn lill-imputat ghaliex kienet tahsbu qed jiccajta. Il-Qorti jidrilha li una volta li jezisti dan l-element ta’ dubju dan ghandu jimmilita favur l-imputat. Irid jinghad li fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat ammetta li kien miss il-warrani ta’ omissis izda qal ukoll li huwa kien ghamel dan fil-prezenza ta’ ommha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita’ tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, il-fatt li huwa abbuza mill-bonta’ ta’ zijuh li accettah gewwa daru meta huwa ma kellux fejn joqghod u huwa irrikambja dan l-att ta’ generozita’ billi stupra lil bintu. Huwa minnu li mir-rapport tal-espert psikjatra nominat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta permezz ta’ digriet tat-2 ta’ Lulju 2002 Dr. Peter Muscat rapport relattiv esebit a fol. 71 sa 78 tal-process irrizulta li l-imputat isofri minn paranoid personality disorder kagunat minhabba t-trobbija difficli tieghu izda l-istess espert jikkonkludi wkoll li l-istat mentali tal-imputat huwa wiehed normali u li huwa jaf x’inhu jaghmel u jifhem il-konsegwenzi ta’ dak li jaghmel. Izda minhabba d-difett fil-personalita’ tieghu jista’ ma jqies bizejjed il-konsegwenzi ta’ l-agir tieghu. Il-Qorti tissimpatizza mal-imputat minhabba t-trobbija difficli li kellu u diffikultajiet li huwa ghadda minnhom izda jidrilha wkoll li tali diffikultajiet ma jistghux jiskulpawh milli jassumi r-responabilita’ ghall-agir tieghu specjalment meta wiehed jikkunsidra n-natura tar-reat kommess u l-fatt li l-vittma hija minuri ta’ omissis u l-konsegwenzi li tali agir jista’ jhalli fuq l-istess minuri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-26 ta’ Frar 2003, kif ukoll l-Artikolu 17(b), u 201(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghal prigunerija ta’ hames (5) snin. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba’akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuza.

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna li biex tigi protetta l-identita’ tal-minuri koncernati, isimhom u kunjomhom, isem u kunjom il-genituri taghhom, il-post fejn joqghodu u fejn imorru skola kif ukoll isem u kunjom l-imputat m’ghandhomx jixxandru jew jigu pubblikati fuq il-media jew fuq l-Internet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------